## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 34/2024: FL-ATTI TAL-MANDAT TA' SEKWESTRU EŻEKUTTIV NRU. 1533/23 FL-ISMIJIET: **AĠENZIJA TAS-SISTEMA TA' INFURZAR LOKALI V. CARMEL FILLETTI (KI. 272061M)**

(REVOKA TA' MANDAT EŻEKUTTIV – ART. 281, KAP. 12 – ĦTIEĠA LI L-KREDITUR JESEBIXXI KOPJA TAT-TITOLU EŻEKUTTIV LI JKUN IRID JEŻEGWIXXI MAR-RIKORS GĦALL-ĦRUĠ TAL-MANDAT META T-TITOLU MA JKUNX SENTENZA TAL-QORTI – ART. 274(3), KAP, 12)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**11 ta' Marzu 2024**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Carmel Filletti (msejjaħ "ir-rikorrent sekwestrat") ippreżentat fit-13 ta' Frar 2024[1] li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

> **'Illi l-esponent għadu kif ġie notifikat b'mandat ta' sekwestru eżekuttiv fl-ismijiet premessi fejn l-ammont allegatament dovut huwa ta' €11,292.88 kopja ta' liema qed tiġi esebita bħala Dok A. Dan l-ammont jidher li huwa kontravenzjonijiet fuq vettura li huwa ilu li biegħ lil terzi madwar għoxrin sena ilu u li llum m'għadhiex teżisti.**
>
> **Illi l-ammont pretiż mis-sekwestranta Agenzija tas-Sistema ta' Inforzar Lokali huwa allegatament dovut bħala penali in segwitu ta' kontravvenzjonjiet deċiżi kontra tiegħu mit-Tribunal Lokali a tenur tal-Kap. 291 tal-Liġijiet ta' Malta.**
>
> **Illi meta ġie intavolat il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv de quo ma ġewx eżebiti s-sentenzi a bażi ta' liema qed isir is-sekwestru in kwistjoni. Tenut kont illi dawn is-sentenza m'humiex sentenzi ta' Qorti però tat-Tribunali Lokali, u allura m'humiex sentenzi li l-Qorti tista' tieħu konjizzjoni ġudizzjali tagħhom, dawn is-sentenzi kellhom jiġu esebiti mas-**

[1] Fol 1-7

**sekwestru meta dan ġie intavolat biex il-Qorti tkun tista' tivverifika l-allegat titolu. Fin-nuqqas ta' tali sentenzi allura il-mandat odjern ukoll għandu jiġi revokat.**

**Illi in effetti l-artikolu 274(3) tal-Kap. 12 jgħid:**

***"Fejn it-titolu eżekuttiv ikun ta' xort'oħra milli sentenza tal-qorti li lilha hi magħmula t-talba, kopja tal-istess titolu u tal-att li fih in-notifika, fejn l-istess notifika hi meħtieġa skont l-artikolu 256, għandhom jiġu ppreżentati flimkien mat-talba.*"**

**Illi tali sottomissjoniet diġa ġiet apprezzata mill-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet Agenzija tas-Sistema ta' Inforzar Lokali vs Kevin Victor Muscat (198/23) MLF degretat fis-6 ta' Settembru 2023 fejn f'ċirkostanzi identiċi mandat simili ġie revokat.**

**Għaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 281 tal-Kap. 12, tħassar għal kollox il-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi u dan taħt dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.'**

wara li rat li b'digriet datat 19 ta' Frar 2024 din il-Qorti diversement presjeduta astjeniet milli tieħu konjizzjoni tar-rikors u sussegwentement dan ġie assenjat lil din il-Qorti kif presjeduta[2],

wara li rat li b'ordni *in camera* tad-19 ta' Frar 2024 maħruġa ai termini tal-Art. 173(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti *inter alia* ffissat terminu ta' sebat ijiem min-notifika għar-risposta tal-Aġenzija tas-Sistema tal-Infurzar Lokali (imsejjħa "l- intimata sekwestranta") u appuntat ir-rikors għas-smiegħ għall-4 ta' Marzu 2024[3],

wara li rat ir-risposta tal-intimata sekwestranta ppreżentata fl-4 ta' Marzu 2024[4] li permezz tagħha għar-raġunijiet mogħtija fiha talbet lill-Qorti sabiex tiċħad it-talbiet magħmulha fir-rikors promotur filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet preliminari kollha u/jew in parte miġjuba minnha,

wara li rat li fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2024 il-Qorti ħalliet ir-rikors għall-provi kollha u għat-trattazzjoni għall-11 ta' Marzu 2024[5],

wara li rat li fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2024 deher biss ir-rikorrent u *inter alia* saret trattazzjoni mill-avukat difensur tiegħu meta imbagħad is-seduta ġiet posposta sabiex jingħata digriet[6],

---

[2] Fol 8
[3] Fol 9-10
[4] Fol 15-17. Ir-risposta mhijiex qed tiġi riprodotta fl-intier tagħha billi minkejja l-ordni *in camera* tal-Qorti tad-19 ta' Frar 2024 maħruġa ai termini tal-Art. 173(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-intimata sekwestranta naqset milli tibgħat bil-posta elettronika lill-Qorti kopja tal-att ippreżentat minnha
[5] Fol 13
[6] Fol 19

qed tagħti dan id-

## Digriet

1. F'din il-kawża r-rikorrent sekwestrat qed jitlob lill-Qorti tirrevoka l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru 1533/2023 li kien ġie ppreżentat kontrih fis-27 ta' Ġunju 2023 mill-intimata sekwestranta. Dan il-mandat kien inħareġ sabiex l-intimata sekwestranta teżegwixxi titolu eżekuttiv konsistenti f'*"ammont* (ta' € 11,192.88) *dovut rappreżentanti penali kkundannati kontra l-intimat in segwitu għal kontravvenzjonijiet deċiżi kontra tagħha mit-Tribunal Lokali a tenur tal-Kapitolu 291 tal-Liġijiet ta' Malta liema penali jikkostitwixxu titolu eżekuttiv skond il-liġi. Dan skont l-istatement hawn anness."*[7]

2. L-artikolu tal-liġi li taħtu nfetħet din il-proċedura huwa l-Artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta illi jaqra kif ġej:

> **'281. (1) Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi.**
>
> **(2) Ir-rikors għandu jiġi notifikat lill-parti opposta li, fi żmien għaxart ijiem, għandha tippreżenta risposta li jkun fiha s-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-risposta li tista' tippreżenta:**
>
> **Iżda l-qorti tista', f'każijiet urġenti, tirriduċi l-perjodu msemmi f'dan is-subartikolu. Fin-nuqqas ta' din l-oppożizzjoni, il-qorti għandha tilqa' t-talba.**
>
> **(3) Il-qorti għandha tiddeċiedi dwar ir-rikors wara s-smigħ tal-partijiet, u kull xiehda li jidhrilha xierqa, jekk taħseb hekk, u dan mhux iktar tard minn perjodu ta' xahar mill-jum tal-preżentata.**
>
> **(4) Appell minn digriet mogħti taħt is-subartikolu (3) jista' jsir b'rikors fi żmien sitt ijiem minn meta d-digriet jinqara fil-qorti bil-miftuħ. Il-Qorti tal-Appell għandha tappunta dan l-appell għas-smigħ fi żmien xahar minn meta d-digriet jinqara' fil-qorti bil-miftuħ u dan għandu jiġi deċiż fi żmien tliet xhur mid-data tal-appuntament għas-smigħ.**

[7] Fol 3-7

> **(5) Il-garanzija msemmija fl-artikolu 249 ma tinħtieġx fil-każijiet imsemmija fis-subartikolu ta' qabel dan.'**

3. Fir-rigward ta' dan l-artikolu tal-liġi l-posizzjoni tradizzjonali li ġie ritenuta diversi drabi mill-Qrati tagħna[8], hija dik li t-talba ta' persuna li jinħareġ kontra tagħha mandat eżekuttiv sabiex ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta titlob li l-istess mandat jiġi mħassar għal kollox jew parti minnu għandha tkun marbuta:

> "*ma' xi ghelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu, li, bis-sahha tieghu, l-intimat eżekutat ibati pregudizzju. Minn dak li jirriżulta minn eżami tad-dibattiti parlamentari li wasslu ghad-dhul tal-imsemmi artikolu fil-Kodici, ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jigi attakkat jew imhassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta malmertu nnfisu li, bis-sahha tieghu, l-istess att eżekuttiv ikun inhareg. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 283A [281] jaghmluha cara li r-rimedju moghti lir-rikorrent jingħata bla hsara għal kull jedd iehor taht l-istess Kodici jew xi ligi ohra.*
>
> *Illi, in ġenerali, jista' jingħad li Mandat jista' biss jiġi attakkat kemm-il darba jkun inħareġ minn Qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma.. Meta l-liġi riedet tfisser f'liema ċirkostanzi jista' jintalab il-ħruġ ta' Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per eżempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu tal-kawża preżenti mhuwiex Mandat kawtelatorju.*
>
> *Illi l-istħarriġ li din il-Qorti trid tagħmel dwar it-talba mressqa quddiemha għandu jkun wieħed fil-parametri stretti tal-azzjoni kif proposta. Xogħol il-Qorti f'din il-proċedura huwa li tara li tagħmel ħaqq mal-partijiet għaliex wara kollox, fi proċedura bħal din, ikun hemm dejjem xi titolu eżekuttiv (bħal sentenza, taxxa ġudizzjarja jew kuntratt) li minnu nnifsu jkun stabilixxa l-mertu tal-kwestjoni. Din il-Qorti, fl-istħarriġ li jmissha tagħmel fi proċedura bħal din, ma tinbidilx f'Qorti ta' reviżjoni ulterjuri tal-ilmenti fil-mertu dwar it-titolu li jkun;*
>
> *Illi għalhekk din il-Qorti għandha toqgħod b'seba' għajnejn biex ma tħallix kwestjoni dwar Mandat maħruġ minn Qorti tinbidel fi kwestjoni ta' ftuħ mill-ġdid tal-mertu jew billi tħalli li*

---

[8] Fosthom sensiela ta' sentenzi mogħtija mill-Onor. Imħallef Joseph R. Micallef inkluż **HSBC Bank Malta P.l.c. (C- 3177) v. Doris Conchin** (Rik Nru 633/2011JRM) deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Lulju 2011, **Edward Pace v. Michael Sultana et.** (Rik. Nru. 287/05 JRM deċiż fil-5 ta' Mejju 2005), **Emanuel Vella v. Lloyd's Malta Limited et.** (Rik Nru 985/03/JRM deċiż fit-30 ta' Ottubru 2003) u l-ewwel waħda li fiha tissemma l-kelma "għelt" is-sentenza fl-ismijiet **Colette Sciberras v. Saviour Sciberras** (Rik. 2884/00 JRM, deċiża fit-13 t'Ottubru 2000)

*jiddaħħlu fin-nofs kwestjonijiet oħrajn li jista' jkun hemm bejn il-partijiet involuti f'dak il-Mandat ..."*

4. Kif sew qal l-Imħallef Toni Abela fid-digriet tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-11 ta' Diċembru 2023 fl-ismijiet **Aġenzija tas-Sistema ta' Inforzar Lokali v. Sonia Vella** (Rik. 1342/2023):

*"... r-raġunijiet għal fejn jista' jintalab it-tħassir taħt dan l-artikolu twessgħu permezz ta' sentenzi riċenti u m'għadhiex kif kienet il-posizzjoni sa ftit żmien ilu, fejn ir-raġunijiet kienu ristretti ħafna. Di fatti il-Qorti tal-Appell fid-digriet **Vincent Gauci vs Dr. Albert Fenech** mogħti fis-27 ta' Marzu, 2020, għamlitha ċara li kienet qiegħda titbiegħed mill-pożizzjoni ristrettiva u magħluqa meħuda mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-digriet **Edward Pace et vs Michael Sultana** tal-5 ta' Mejju, 2005. Il-Qorti tal-Appell saħqet li l-artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jista' jiġi użat mhux biss fejn l-att esekuttiv ikun inħareġ minn qorti żbaljata jew meta jekk ikun hemm xi difett fil-forma. Dan għaliex il-kliem "għal raġuni valida skont il-liġi" huma żgur iktar wesgħin minn dawk iż-żewġ każijiet. Bħala punt ta' importanza legali, irid ukoll jiġi puntwalizzat li kwistjonijiet ta' natura proċedurali huma ta' ordni pubbliku u li ebda Qorti ma tista' titbiegħed lill-hinn minn dak li trid il-proċedura (Ara Sentenza fl-ismijiet **Kummissarju tat-Taxxi Interni -vs- Medairco Ltd** deċiża fil-11 ta' Novembru 2011)."*

5. Permezz tar-rikors tiegħu r-rikorrent jisħaq illi l-mandat huwa null u għandu jiġi revokat għaliex id-deċiżjonijiet tat-Tribunal Lokali m'humiex sentenzi ta' Qorti u għalhekk kopja tagħhom kellhom jkunu anness mar-rikors għall-ħruġ tal-mandat ai termini tal-Art. 274(3) tal-Kap. 12, mentri f'dan il-każ ma kienux hekk annessi.

6. L-Art. 274(3) tal-Kap. 12 jgħid hekk:

**'274. (3) Fejn it-titolu eżekuttiv ikun ta' xort'oħra milli sentenza tal-qorti li lilha hi magħmula t-talba, kopja tal-istess titolu u tal-att li fih in-notifika, fejn l-istess notifika hi meħtieġa skont l-artikolu 256, għandhom jiġu ppreżentati flimkien mat-talba.'**

7. L-intimata sekwestranta tgħid illi b'mod preliminari li l-Art. 274(3) m'huwiex applikabbli għall-mandat in kwistjoni billi dan inħareġ taħt l-Att dwar il-Kummissarji tal-Ġustizzja (Kap. 291) u mhux taħt il-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u billi d-deċiżjonijiet tal-Kummissarju tal-Ġustizzja huma ta' indoli penali filwaqt li l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jitratta deċiżjonijiet ta' natura ċivili. d-deċiżjonijiet tat-Tribunal Lokali. Tkompli l-istess intimata illi d-deċiżjonijiet tal-Kummissarju tal-Ġustizzja lanqas biss huma nklużi fl-imsemmi kodiċi u li ladarba l-mandat sar abbażi tal-Kap. 291 *"hawnhekk għandna każ ta' lex specialis li tikkrea*

*titolu eżekuttiv sui generis".* Il-Qorti tqis illi tali eċċezzjoni preliminari hija waħda pależament skorretta.

8. L-Art. 10(2), (3), u (5) tal-Kap. 291 jipprovdu kif ġej:

**'10 (2) Meta Kummissarju jiddeċiedi li l-persuna akkużata tkun ħatja tar-reat imniżżel fl-Iskeda speċifikat fl-akkuża, il-Kummissarju għandu jiddikjara lil dik il-persuna ħatja ta' infrazzjoni u jordna lil dik il-persuna biex tħallas penali f'ammont li ma jkunx iżjed mill-ogħla ammont tal-multa (multa jew ammenda) preskritta bil-liġi għar-reat u meta dik il-liġi tipprovdi għas-sekwestru ta' xi oġġett użat fl-għemil tar-reat, jew għar-revoka jew għas-sospensjoni ta' xi liċenza l-Kummissarju għandu jordna dak is-sekwestru jew dik ir-revoka jew sospensjoni flimkien mal-penali: Iżda meta l-Kummissarju jiddeċiedi li l-persuna imputata ikkommettiet ir-reat skedat speċifikat fl-akkuża, għandu jordna li fil-każ li l-imputat ma jħallasx il-multa jew ammenda fi żmien xahar minn meta l-każ jiġi deċiż finalment, l-istess imputat għandu jħallas penali ta' ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65) flimkien mal-multa jew ammenda pagabbli.**

**(3) Meta Kummissarju jkun għamel ordni għall-ħlas ta' dik il-penali, ir-Reġistratur tat-Tribunal jew persuna oħra maħtura mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja, għandu jipproċedi, u fil-każijiet fejn il-penali oriġinali li toħroġ mill-akkuża hi dovuta lil Kunsill Lokali jew lil xi awtorità oħra skont xi Att, dak il-Kunsill Lokali jew l-awtorità għandhom jipproċedu, għall-ġbir tal-penali malli ssir l-ordni...**

**...**

**(5) L-ammont tal-penali jkun dovut u għandu jitħallas lill-Gvern, jew meta l-ammont tal-penali jkun dovut lil Kunsill Lokali skont l-Att dwar Gvern Lokali, bħala dejn ċivili, likwidat u ċert, u jista' jiġi miġbur mir-Reġistratur tal-Qrati jew mill-Kunsill Lokali, skont il-każ. L-ordni msemmija fis-subartikolu (2) għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv skont u għal finijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**(6) Id-dejn ċivili msemmi fis-subartikolu (5) ma jgħaddix fuq l-eredi tal-persuna li tkun ordnata tħallas xi penali bħal dik.**

9. Fil-każ *de quo* mill-affidavit ġuramentat ta' Svetlick Flores, Kap Eżekuttiv tal-intimata sekwestranta[9], jirriżulta illi matul is-snin ġew deċiżi mitejn tnejn u erbgħin

[9] Fol 5

(242) kontravvenzjonijiet kontra r-rikorrent sekwestrat mill-Kummissarji għall-Ġustizzja taħt il-Kap. 291 b'dan illi l-multi varji meħuda kollha flimkien akkummulaw u laħqu s-somma ta' € 11,192.88. Issa skond l-Art. 10(5) fuq imsemmi, kuntrarjament għal dak sottomess mill-intimata sekwestranta fir-risposta tagħha, tali ammont huwa meqjus **dejn ċivili** u jikkostitwixxi titolu eżekuttiv li **jaqa'** taħt it-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti tqis li dan huwa hekk **minħabba dak li jgħid il-leġislatur fl-Art. 10(5) tal-Kap. 291** u minkejja li d-deċiżjonijiet tal-Kummissarji għall-Ġustizzja m'humiex elenkati taħt l-Art. 253 tal-Kap. 12 bħala wieħed mit-titoli eżekuttivi li jistgħu jinkisbu. Il-Qorti tqis però illi jkun utli li fil-ġejjieni l-leġislatur jaħseb sabiex tali deċiżjonijiet ikunu elenkati b'mod speċifiku taħt l-Art. 253 tal-Kap. 12 kif wara kollox sar fir-rigward ta' deċiżjonijiet ta' awtoritatijiet kważi-ġudizzjarji oħra bħat-Tribunal għal Talbiet ta' Konsumaturi, l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji u l-Panel ta' Arbitraġġ għal Kirjiet Residenzjali Privati.

10. Fi kwalsiasi każ, anke li kieku *dato ma non concesso* l-intimata sekwestranta għandha raġun fl-argument tagħha li d-deċiżjonijiet tal-Kummissarji għall-Ġustizzja ma jaqgħux taħt l-Art. 253 tal-Kap. 12, il-Qorti qajla tista' tifhem kif tali argument kien ikun ta' għajnuna lill-istess intimata meta wieħed iqis illi mandat ta' sekwestru eżekuttiv jista' jsir biss taħt id-disposizzjonijiet relattivi tal-Kap. 12 li fost affarijiet oħra jipprovdi fl-Art. 273 illi jistgħu jinħarġu biss fl-eżekuzzjoni tat-titoli eżekuttivi elenkati fl-Art. 253 tal-Kap. 12:

> **"L-atti illi bihom, skont ma jkun il-każ, tista' ssir l-eżekuzzjoni tat-titoli eżekuttivi msemmijin fl-artikolu 253 huma:**
>
> **(a) il-mandat ta' qbid ta' ħwejjeġ mobbli;**
> **(b) il-mandat ta' qbid ta' ħwejjeġ immobbli;**
> **(ċ) mandat ta' qbid ta' azjendi kummerċjali;**
> **(d) il-bejgħ fl-irkant bil-qorti ta' ħwejjeġ mobbli jew immobbli jew ta' jeddijiet imgħaqqdin ma' immobbli;**
> **(e) il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv;**
> **(f) il-mandat ta' żgumbrament jew tkeċċija minn beni immobbli;**
> **(g) il-mandat in factum;**
> **(h) il-mandat ta' arrest ta' bċejjeċ tal-baħar;**
> **(i) il-mandat ta' arrest ta' inġenji tal-ajru;**
> **(j) il-mandat in procinctu;**
> **(k) mandat ta' żgumbrament jew ta' tkeċċija minn bċejjeċ tal-baħar jew inġenji tal-ajru.'**

11. Dan ifisser illi li kieku l-intimata sekwestranta għandha raġun fl-argument tagħha illi d-deċiżjonijiet tal-Kummissarji għall-Ġustizzja ma jaqgħux taħt l-Art. 253 tal-Kap. 12 u huma titoli eżekuttiv *sui generis*, allura anqas kienet tkun tista' tmexxi għall-eżekuzzjoni tagħhom bis-saħħa ta' xi mandat eżekuttiv.

12. Għalhekk m'hemmx dubbju li l-eċċezzjoni hekk imsejjħa preliminari tal-intimata sekwestranta m'hijiex fondata fid-dritt u ma tistax tintlaqa' mill-Qorti.

13. Fil-mertu l-intimata sekwestranta tgħid li d-deċiżjonijiet tal-Kummissarji tal-Ġustizzja huma aċċessibbli liberament minn fuq is-sit *les.gov.mt* u li mal-mandat ġew annessi t-titolu eżekuttivi kollha li hemm intestati f'isem ir-rikorrent sekwestrat.

14. Il-Qorti rat illi din il-kwistjoni diġà tqajjmet f'rikorsi oħra li ġew intavolati fix-xhur li għaddew kontra l-intimata sekwestranta u li ġew deċiżi b'mod finali kemm minn din il-Qorti (diversement presjeduta) u kemm mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili.

15. Fid-digriet ċitat mir-rikorrent sekwestrat fir-rikors tiegħu, fl-ismijiet: **<u>Aġenzija tas-Sistema ta' Inforzar Lokali v. Kevin Victor Muscat</u>** (QTM, Rik. 198/2023 MLF, - 06/09/2023) din il-Qorti qalet hekk f'każ fejn il-*fattispecie* kienu l-istess:

> *"16. Din il-Qorti tifhem il-problema logistika tal-Agenzija, u fl-opinjoni taghha fis-sena 2023, il-ligijiet ghandhom ikunu aggiornati sabiex jikkontemplaw ir-rikonoxximent ta' sistemi komputerizzati bhal dik tal-Agenzija. Pero, idejn il-Qorti huma marbuta, u l-Artikolu 274(3) jikkontempla biss li jigu annessi kopji fizici tat-titoli ezekuttivi. Dan hu kaz klassiku ta' dura lex sed lex.*
>
> *17. Ladarba l-ordnijiet tal-Kummissarju ghall-hlas tal-penali ma gewx annessi mal-mandat ta' sekwestru, din il-Qorti m'ghandhix xelta hlief li tirrevoka l-mandat ta' sekwestru in kwistjoni, stante li l-Artikolu 274(3) tal-Kodici tal-Procedura Civili ma giex osservat."*

16. Fid-digriet fuq imsemmi fl-ismijiet **<u>Aġenzija tas-Sistema ta' Inforzar Lokali v. Sonia Vella</u>** (PA, Rik. 1342/2023 TA, 11/12/2023) il-kwistjoni ma kienetx dwar jekk l-intimata sekwestranta kelliex ta' bilfors tesebixxi kopji tad-deċiżjonijiet tat-Tribunal Lokali mal-mandat, iżda jekk dawn il-kopji kellhomx ta' bilfors ikunu kopji awtentikati skond il-liġi. Il-Qorti qalet hekk fuq dan il-punt:

> *"... l-artikolu 274(3) jiddispensa mill-ħtieġa tal-prova tal-awtentiċita' ta' dokument li jagħti titolu bis-saħħa ta' Sentenzi tal-Qrati biss u dan għal raġunijiet diġa' spjegati. Ergo kull dokument ieħor tassew irid ikun awtentikat u jkun jeħtieġ għalhekk li jkun legalizzat. Issa s-Sentenzi tat-Tribunali Lokali ma humiex Sentenzi ta' din il-Qorti u għalhekk jeħtieġu li jkunu awtentikati u*

> *legalizzati. Kwindi r-rikorrenti għandha raġuni valida skont il-liġi meta tgħid li dawn ma jissodisfawx il-vot tal-liġi. Għalhekk din il-Qorti issib li r-rikorrenti għandha kawża ġusta u li r-rikors tagħha jimmerita li jkun milqugħ."*

17. Din il-Qorti għanda r-riservi tagħha dwar il-ħsieb tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-digriet msemmi iżda fi kwalsiasi każ ma tqisx li għandha għalfejn tiddilunga fuq tali materja ġaladarba fil-każ in eżami l-*fattispecie* huma differenti. Filfatt ma ġew esebiti l-ebda deċiżjonijiet mal-mandat *de quo* u kull ma ġie esebit kienet lista b'riferenza għalihom, xi ħaġa li kif sew qalet din il-Qorti diversement presjeduta fid-digriet fuq ċitat, ma tissodisfax il-vot tal-liġi.

18. Il-Qorti tqis illi l-leġislatur għandu llum qabel għada jaħseb għall-emendi neċessarji fil-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili sabiex jirregola sitwazzjoni fejn ma jkunx prattiku illi l-kreditur jintavola kopji tat-titolu eżekuttivi kollha li jixtieq jeżegwixxi permezz tal-istess mandat. Inoltre, kif sew qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-digriet fuq imsemmi:

> *"din il-Qorti ma tħossx li hija ħaġa xejn sewwa, li rikors bħal dan irid ikun deċiż fi żmien xahar mill-presentata tar-rikors. Fi żmien xahar mill-presentata irid ikun notifikat ir-rikors lill-parti l-oħra, li mhux garantit li dan isir b'faċilita', u jrid jingħata ukoll żmien lill-parti intimata biex tagħmel risposta. Dan huwa terminu irraġjonevoli għall-aħħar għaliex ix-xahar mhux faċilment dejjem jista' jintlaħaq. Din il-Qorti temmen, li għandu jkun hemm intervent leġislattiv f'dan ir-rigward biex it-terminu ta' xahar jibda jiddekorri minn notifika tal-parti l-oħra, bħal ma jiġri fil-każ ta' mandat ta' inibizzjoni (ara art 875 tal-Kap 12)."*

**Deċiżjoni**

19. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qed tiddisponi mir-rikors billi tilqa' t-talba tar-rikorrent sekwestrat u tirrevoka l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru 1533/2023 fl-ismijiet premessi. Spejjeż kontra l-intimata sekwestranta.**

**Moqri fil-miftuħ fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2024.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y.M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |